Winston Zammit

# FL-OKKAŻJONI TAS-SENA PAWLINA (2008/2009)

Billi għadna qegħdin fis-sena Pawlina (2008/2009) li ser tintemm fid-29 ta' Ġunju 2009, fil-ġimgħa tal-Festa titulari tal-parroċċa tagħna, l-artiklu ta' din is-sena ser ikun dwar San Pawl u l-parroċċa tagħna.

## Artal dedikat lil San Pietru u San Pawl

Fil-knisja parrokkjali tagħna sa ftit snin wara li spiċċat it-tieni gwerra dinjija, kellna artal dedikat lil San Pietru u San Pawl. Dan kien fil-kappella ta' San Lawrenz, fil-post fejn illum hemm id-daħla tal-kappella ta' San Baskal. Dan l-artal kellu kwadru li juri liż-żewġ Appostli, tal-famuz pittur Malti Giuseppe Cali, li nħadem fl-1881[1]. Għal dan il-kwadru, l-artal u t-taghmir tiegħu kien ħallas is-Sur Pietru Pawl Balzan[2]. Il-kwadru kien qam £12[3].

Il-knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor tbierket u nfethet għall-pubbliku fis-26 ta' Ġunju 1881[4]. Tlett ijiem wara fid-29 ta' Ġunju ħabtet il-festa ta' San Pietru u San Pawl. Dakinhar kif jgħidilna Dun Pawl Vella fil-manuskritt tiegħu Cenni Storici "si fece la festa degli Apostoli SPP a spese del negoziante P P Balzan". Ghal din l-okkazjoni l-kappella tal-artal ġiet imzejna bid-damask, l-artal ġie mzejjen b'ventartal aħmar, gandlieri ndurati u fjuretti artifiċjali. Saret quddiesa kantata bil-Ministri u d-dilettanti, mmexxija mis-Sur Borg kantaw Kyrie u Glorja bil-muzika. Filgħaxija Dun Pawl Vella għamel paneġierku u ngħatat il-Barka Sagramentali[5].

Jidher li l-imsemmi Pietru Pawl Balzan, kellu għal qalbu din il-festa, ghax fl-atti tan-Nutar Frangisk Schembri tat-22 ta' Lulju 1888, huwa ħalla żewġ legati lill-knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor li kienu kors t'ezerċiżżi spiritwali għall-irġiel, u li ta' kull sena ssir il-festa ta' San Pietru u San Pawl fid-29 ta' Ġunju, bil-quddiesa kantata bil-paneġierku[6].

Mir-Registru tal-Amministrazzjoni tal-kunvent nafu li permezz ta' dan il- legat, din il-festa ta' San Pietru u San Pawl saret fl-1906. Dan joħroġ mill-fatt li fis-6 ta' Lulju 1906, il-gwardjan tal-kunvent, għadda lis-Sindku Appostoliku tal-kunvent (amministratur finanzjarju) is-somma ta' £5 mill-fondazzjoni li kien ħalla in-negozjant P.P. Balzan ghall-imsemmija ezerciżżi, festa ta' San Pietru u San Pawl, u biex jitwettaq piz ieħor[7].

Billi wara l-gwerra minflok is-sagristija nbnew żewġ kappelli, ta' San Frangisk u ta' San Baskal, l-artal ta' San Pietru u San Pawl, tneħħa biex issir id-daħla għall- kappella l-gdida ta' San Baskal. Il-kwadru li juri ż-żewġ appostli, tqiegħed fid-daħla li tagħti għall-kappella ta' San Frangisk. Din is-sena (2009) dan il-kwadru ttieħed fil-każin tas-Soċjetà Filarmonika La Valette il-Belt Valletta, biex jifforma parti mill-wirja li ttellgħet fl-okkazjoni tas-Sena Pawlina. Din is-sena ukoll dan il-kwadru gie esebit fil-wirja li saret fis-Sala tal-Kultura fil-Każin tas-Soċjetà Filarmonika Sliema matul il-Ġimgħa Mqaddsa.

## Kwadru ta' San Pawl

Fis-snin 60 tas-seklu 20, fil-Knisja Parrokkjali tal-Madonna tas-Sacro Cuor twaħħal kwadru li juri l-Appostlu Missierna San Pawl li jingħad li kien tal-iskola ta' Preti. Fl-okkazjoni tal-festa tan-Nawfragju ta' San Pawl ta' din is-sena, dan il-kwadru ġie espost fuq il-presbiterju.


*Il-Kwadru ta' San Pietru u San Pawl, xogħol ta' Ġużeppi Cali*

## Id-Driegħ ta' San Pawl

Ir-relikwa tad-Driegh ta' San Pawl li tinsab esposta fil-Knisja Kolleggjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta, nġiebet darbtejn fil-knisja parrokkjali tagħna, l- ewwel darba f'Ottubru 1959 u t-tieni darba fi Frar 1993,

Fl-1959 din ir-relikwa għażiża bdiet tiġi mdawwra mall-parrocci ta' Malta bi tħejjija għall-festi ċentenarji (60-1960) tal-miġja ta' San Pawl fostna. Fil-parroċċa tagħna din ir-relikwija nġiebet fil-25 t'Ottubru, mill-parroċċa ta' San Girgor u baqgħet sal-1 ta' Novembru, meta ttieħdet fil-parroċċa ta' Stella Maris[8].

It-tieni miġja tad-Driegħ ta' San Pawl, seħħet fi Frar 1993, fl-okkazjoni tal-75 Anniversarju tat-twaqqif tal-

parroċċa (1918-1993). Id-Driegħ ngieb fil-parroċċa tagħna nhar il-Ġimgħa 12 ta' Frar, 1993, u kien akkumpanjat minn tlett kanonċi tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt, li kienu l-Arċipriet Dun Anton Galea, il-Kantur Dun Gwann Borg u Dun Mattew Magri Lic.D

Id-Driegħ twassal sa Triq Rudolfu kantuniera ma' Triq San Trofimu. Minn hemm ittieħed b'korteo sal-Knisja Parrokkjali li mexa' hekk: Is-Salib tal-Kleru, l-abbatini, il-Patrijiet Frangiskani, it-tlett kanonci fuq imsemmija u d-Driegh ta' San Pawl, merfugħ minn erba membri tal-Konfraternita tas-SSMU Sagrament tal- Parroċċa. Wara d-Driegħ imxew numru sabiħ ta' membri tal-komunità parrokkjali. Matul dan il- korteo sar kant u qari.



*12 ta' Frar 1993. Ir-Relikwa tad-Driegħ ta' San Pawl fuq iz-zuntier tal-Knisja wara l-miġja tagħha*

Hekk kif il-korteo wasal fuq iż-żuntier tal-knisja, r-relikwija tqiegħdet fuq mejda armata, sar diskors ta' merħba minn Patri Kamillu Aquilina OFM, u diskors ieħor mill-Kappillan Patri Pawl Galea OFM. Wara li tkanta l-Innu ta' San Pawl, iċ- ċerimonja ntemmet bil-kant tal-Innu Malti. Wara r-relikwija ddaħlet fil-knisja u ġiet esposta fuq il-fonti tal-magħmudija.

Il-Ħadd ta' wara (14 ta' Frar) il-quddiesa tas-7.00am tqaddset minn Patri Kamillu Aquilina OFM. Wara l-omelija, Patri Kamillu żamm ir-relikwa f'idejh, filwaqt li l- Kappillan għamel l-istqarrija tal-fidi. Wara Patri Kamillu niżel bir-relikwa f' idejh fit-taraġ tal-presbiterju u l-fidili telgħu jbusu r-relikwa[9].

## Referenzi


1. M. Vella Induru l-Pittura fil-Knisja No 5 Is-Sultana Tagħna Dic 1975 pġ 12
2. Ibid. L-imsemmi Pietru Pawl Balzan, kien benefattur kbir tal-Knisja tal- Madonna tas-Sacro Cuor. Huwa kien wieħed mill-membri tal-Kumitat li ħa ħsieb il-bini tal-knisja. (ara G. Scerri l-Anġlu tal-Paċi Lulju 1934 pġ 212) u fl-1882 ħa ħsieb jiġbor il-flus biex isir il-paviment tal-irham tal-knisja u permezz t'arbural li għamel inġabret is-somma ta' 524 skud 7 tari u 16 il- grani. (Tagħrif fil-pussess tal-awtur)
3. G. Scerri Anġlu tal-Paċi 1934 pġ 273
4. W. L. Zammit Tas-Sliema Fis- Seklu XIX (KKM 174 2000, pġ 240)
5. Dun Pawl Vella « Cenni Storici » pġ 87
6. G. Scerri op sit pġ 273
7. Arkivju Provinċjali Patrijiet Minuri Valletta Esito Del Ven Convento Di Nostra Signora Del Sacro Cuore Di Ġesù della Sliema 1887-1924 Intrivito 5- VII- 1906
8. Leħen is-Sewwa 31-1-1959 pġ 6, 31-10-1959 pġ 4
9. Tagħrif fil-pussess tal-awtur.



